MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 11/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 30 ta' Marzu 2010 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Ħamis, 25 ta' Marzu, 2010. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 10/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Kuntratt *Public Private Partnership* għal Manutenzjoni ta' Toroq
5. Uffiċini tal-*Labour Office* fl-Imsida
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 11/K6/2009

Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 10/K6/2010

401. M Agius qal li f'minuta 398, il-kliem 'l-Isptar Mater Dei' għandu jinbidel fil-kliem 'u l-Universita, u Bus Shelter f'Xatt l-Imsida'.

402. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti 10/K6/2010

403. Dott. Grima saqsa x'ġara mill-*parking bay* msemmija f'minuta 368. Is-Segretarju spjega li r-resident qatt ma ilmenta mal-Kunsill li ma jistax joħroġ mil-garaxx. Il-Kunsill qabel li l-kaxxa tal-parkeġġ għanda tibqa bajda.

404. C Selvaggi saqsa meta ser jiġu stallati l-bins għal-ħmieġ tal-klieb msemmija f'minuta 369. Is-Segretarju qal li dawn waslu u ma jarax li hemm aktar dewmien biex jiġu stallati.

405. C Selvaġġi saqsa kienx hemm progress dwar minuta 372. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

406. Dott. Grima saqsa kienx hemm progress fit-tiswijiet tal-bankina msemmija f'minuta 371. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv peress illi s-sid l-ewwel irid jgħaqqad il-katusa tad-drenaġġ mal-*main* qabel jgħamel il-bankina.

407. Dwar minuta 373, C Selvaggi saqsa jekk l-avukat lestiex il-Bye-Laws. Is-Segretarju qal li l-avukat għadu jaħdem fuqhom.

408. Dwar minuta 374, M Baldacchino qalet li kellmet lill-Ministru tal-Edukazjoni fejn din infurmata illi hi ma tafx bit-talba tal-Kunsill sabiex isir il-ftuħ uffiċjali tal-Librerija. Il-Kunsill qabel illi jiġi mistieden l-Onor Dott. Said u r-rappreżentant tal-Oppożizzjoni, u sabiex il-ftuħ isir malajr kemm jista jkun skond meta jkun disponibli l-Onor. Dott. Said.

409. M Baldacchino saqsiet kienx hemm xi risposta mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar il-*hamlet* tas-Swatar msemmi f'minuta 375. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku qal illi huwa sema' illi partijiet oħra ta' Birkirkara ser jiġu inklużi mal-*hamlet* tas-Swatar li ser jaqa taħt ir-responsabilta' tal-Imsida. Is-Sindku qal li għanda issir laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said dwar din il-materja. Il-Kunsill qabel li nitolbu laqgħa ma' l-Onor Dr. Said, sabiex jiġi diskuss dan il-punt.

410. Dwar minuta 377, C Selvaġġi saqsa jekk il-kaxxa safra quddiem l-maħżen tal-forn fi Triq il-Ġdida tneħħietx. Ma kien hemm l-ebda risposta mil-Kunsilliera. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

411. (a) Dwar minuta 378, fejn saret emenda għall-applikazjoni sabiex isir *supermarket* fi Triq Achille Ferris, E Brincat qal li wara laqgħa ma rappreżentant tar-residenti tal-inħawi, saret oġġezjoni formali għal dan l-iżvilupp mill-Kunsill Lokali. Hawn E Brincat irringrazzja lill-Kunsillier M Agius tal-involviment tiegħu fil-materja. E Brincat qal li wara li saret l-oġġezjoni, l-MEPA bgħatet lura li din l-oġġezjoni ma saritx fiż-żmien stipulat. Hawn is-Segretarju stqarr li fil-verita din saret ferm qabel iż-żmien stipulat. Għaldaqstant, il-Kunsill kiteb ittra liċ-Ċermen u l-awditur tal-MEPA, hekk kif ukoll ir-rappreżentanti parlamentari li jpoġġu fuq il-Bord tad-DCC. Il-Kunsill hawn talab risposta malajr kemm jista jkun, biex jiġi mgħarraf jekk hux rikonnoxut bħala *registered objector*. Tali tweġiba kienet għada ma waslitx.

411. (b) Il-Kunsill qabel li jekk ma jirċivix tweġiba formali, għandu jsir protest legali dwar il-materja ta' *maladministration* fuq dan il-każ.

412. Dott Grima saqsa jekk hemmx żvilupp fuq minuta 379, dwar ħlasijiet dovuti mill-kumpanija *Active Enterprises Ltd.* Is-Segretarju qal li d-Direttur qed jitlob laqgħa mal-Kunsill dwar l-ammont pendenti. Il-Kunsill ma qabilx li issir laqgħa, u kompla li għandhom jibdew il-proċeduri neċessarji biex jinġiebu l-flus dovuti.

413. Dwar minuta 385, Dott. Grima qal saritx il-manutenzjoni neċessarja. Is-Sindku qal li saret *sleeping police*, u jidher li din serviet biex jitneħħa l-periklu.

414. M Agius saqsa x'ġara mid-dgħajsa li kienet fil-ġnien ta' qudiem il-Knisja mingħajr permess. Is-Segretarju wieġeb li din tneħħiet.

415. C Selvaġġi qal li wara li saret ir-rampa tal-konkos mill-Kunsill fi Triq Censu Farrugia, r-residenti irringrazjaw lill-Kunsill għax din taffiet ferm id-dħul tal-vetturi għat-triq tagħhom.

416. Dwar minuta 390, Dott. Grima skuża lilu nnifsu mal-Kunsill, fejn huwa kien żbaljat dwar l-artikolu li kwota dwar il-legalita' tar-rapport amministrattiv. Is-Segretaju stqarr iżda illi Dott. Grima essaċċ ma kienx żbaljat, peress illi t-talba tiegħu hija filfatt regolata f'artikolu ieħor tal-liġi, u għaldaqstant issuġerixxa illi darba oħra r-rapport jiġi approvat qabel jitressaq quddiem il-laqgħa tal-komunita. Il-Kunsill qabel.

417. Dwar minuta 400, C Selvaġġl qal li l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta mill-Pulizija u *Civil Protection Department* dwar il-ħażna ta' allegat materjal perikoluż f'maħżen fi Triq il-Ħarrub. Il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lil dawn id-Dipartimenti governattivi għandhom jinżammu responsabli għal kull aċċident li jista jinqala jekk ma tittiħidx ażżjoni.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

## Punt 3 Korrispondenza

418. 0556 – Is-Segretarju stqarr illi wara li l-Kunsill aplika għal Memo 16/2010, il-Kunsill ġie mgħoti €500 sabiex isir xiri ta' kotba għall-librerija.

419. 0475 – Is-Segretarju stqarr illi wara li l-Kunsill aplika għal Memo 32/2010, il-Kunsill ingħata €5000, sabiex issir manutenzjoni fil-funtana ta' quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

420. Is-Segrateju qal ukoll illi wara li l-Kunsill aplika bl-iskema għall-attivitajiet sportivi, l-Kunsill ġie mgħoti nofs is-somma rikjesta biex isir kors sportiv għat-tfal tal-Iskola. Is-somma merbuħa hija ta' €1,153.

421. 0586 – Is-Segretarju qal li wieħed mid-debituri tal-Kunsill, il-WSC, wara l-intervent tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ser iħallas l-ammont dovut lill-Kunsill ta l'fuq minn €30,000 fit-tlett snin li ġejjin, skond it-*timeframe* msemmi f'din il-korrispondenza.

422. 0501 – E Brincat qal illi l-oġġezjoni li l-Kunsill bgħatt dwar l-iżvilupp ta' *storm water relief* ġiet reġistrata mill-MEPA. Is-Segretarju qal illi f'din il-korrispondenza il-MEPA qegħda tgħati lill-Kunsill aktar dettalji dwar il-proġett.

423. 0423 – Is-Sindku qara l-ittra. Il-Kunsill qabel li issir laqgħa mal-applikant.

424. 0369 – Is-Segretarju qal li t-talba tal-Kunsill għad-divoluzjoni tal-ġibjun fi Triq il-Wied ma ġietx milqugħa.

## Punt 4 Kuntratt *Public Private Partnership* għal Manutenzjoni ta' Toroq

425. (a) Is-Segretarju spjega li permess ta' Memo 45/2010 jista jinħareġ kuntratt ta' manutenzjoni ta' toroq fejn il-kuntrattur jitħallas fuq medda ta' tmien snin, u f'dan iż-żmien ikun ukoll risponsabli għall-manutenzjoni tal-istess toroq. Il-Dipartiment tal-Gvern Lokali għaldaqstant ħareġ applikazjoni fuq *first come, first served basis*, għal applikazjonijiet ta' toroq fejn dawk mgħażula ser jingħataw fondi addizjonali sabiex isiru ammont ta' toroq b'dan il-kuntratt.

425. (b) Il-Kunsill qabel li jgħamel stimi għal Triq Prinċipessa Margerita u japlika sabiex f'dan il-kuntratt jidħlu Triq il-Punent u Triq Prinċipessa Margerita. Jekk il-fondi tal-Kunsill jippermettu, issir ukoll l-istima u l-applikazjoni għal Triq it-Torri u Triq il-Ġostra.

## Punt 5 Uffiċini tal-*Labour Office* fl-Imsida

426. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-uffiċini tal-*Labour Office* ser jiġu fil-Housing Estate ħdejn il-Kunsill Lokali stess.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 6 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

427. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min11 għall-approvazjoni. Il-lista ġiet approvata u iffirmata mis-Sindku, Dott. Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 7 Approvazjoni tal-minuti mill-Kumitati u Sotto-Kumitati

428. Mill-Kumitat Offerti Pubbliċi s-Sindku qal lill-Kunsilliera illi fil-ġimgħat li ġejjin ser joħroġ il-kuntratt il-ġdid ta' ġbir ta' skart, illi l-Kunsill iddiskuta f'laqgħat oħra diġa. Il-Kunsill talab ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv jgħamel xi punti dwar kif jista jiġi modifikat il-kuntratt għal *contracts manager*.

429. Mill-Kumitat dwar Proġetti tal-Unjoni Ewropeja, s-Sindku qal kif il-Kumitat, li huwa kompost mill-Kunsilliera kollha, iddeċieda illi ma japlikax għalissa għal manutenzjoni ta' Ġnien Ġużè Ellul Mercer, u jistenna sabiex joħorġu fondi akbar fil-futur.

430. M Baldacchino qalet li l-Kunsill għandu japlika għal Memo 51/2010 dwar stallazjoni ta' Wi-Fi Internet fil-ġnien ta' faċċata tal-Għassa tal-Pulizija u fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel. Hi kompliet billi qalet li fix-xahar ta' April ser isiru bosta attiviatjiet edukattivi fosthom ħarġa għat-tfal sabiex jaraw eżibizjonijiet varji u ħarġa fir-razzett tal-ħbiberija fost oħrajn.

431. E Abela ressaq sabiex is-Sinjura Carmen Galea tidħol membru fis-Sotto-Kumitat tal-Anzjani. Il-Kunsill qabel.

432. E Abela informa lill-Kunsilliera illi f'April ser issir ħarġa għall-anzjani fil-Park Hotel tas-Sliema. Il-Kunsill qabel illi l-istaff tal-Kunsill, kontra it-talba ta' E Abela, jiġi mistieden għal din l-attivita.

Punt 8 Affarijiet oħra jekk urġenti

433. M Baldacchino qalet li għanda issir tiswija fuq bankina quddiem il-grada tal-Universita.

434. M Baldacchino qalet li għanda tinkiteb ittra lill-ħanut Sofra sabiex ineħħi xi ħadid perikoluż li għandu mal-ħanut.

435. E Abela fakkar biex tiġi stallata CCTV camera mar-*reception* tal-Kunsill.

436. M Agius qal li għanda tiġi stallata *sleeping policeman* fi Triq Victor Denaro ma' Triq l-Iskola. Għandu ukoll issir xi arranġament tat-traffiku sabiex il-kantuniera ta' Triq l-Esperanto, fejn il-ħanut 'CopyClub' ma tibqax daqsekk perikoluża. M Agius fakkar ukoll biex isir welding mal-culvert ta' Triq Achille Ferris.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

437. Dott Grima talab li isir *refreshing* ta' kaxxa safra ma dar 'John Ross' fi Triq ta' Xmiexi. Huwa talab ukoll biex issir manutenzjoni fis-*central strip* ta' Triq Rue D'Argens u biex jinżergħu żewġ siġriet quddiem il-ħanut 'Sofra'.

438. C Selvaġġi talab li tinkiteb ittra lill-kumpanija Titan Ltd. biex il-karozzi tagħhom ma jibqgħux ipparkjati barra u filkas jipparkjaw fil-garages tagħhom jew quddiemom. Talab ukoll biex isir *resurfacing* fi Triq E.H. Furse, hekk kif ukoll biex jintbgħat warden il-Ħadd max-Xatt ta' Xbiex.

439. M Agius fakkar lis-Sindku jgħid lill-Pulizija biex isir infurzar quddiem l-AVIS. Is-Sindku informa lill-M Agius illi ser issir laqgħa mal-Pulizija kull xahar fejn dawn il-materji ser jibdew jitressqu fuq bażi regolari.

440. Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 19.41

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com